Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L- PROTEZZJONI TAD-DATA

**Appell Numru 17/2013**

Roberto Ragonesi

Vs

Il-Kummissarju għall-informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Sentenza 15 ta' Frar 2018

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

It-Tribunal

Ra l-appell tal-appellanti Roberto Ragonesi mid-deċiżjoni tal-Kummissarju appellat tad-29 ta' Jannar 2014 li permezz tagħha l-Kummissarju ċaħad l-erba' talbiet li għamel l-appellanti dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi mil-Enemalta.

It-talbiet li għamel l-appellanti lil Enemalta kienu dwar is-segmenti tenders:

a. GN/DPS/4003/PC3/2011 – Period Contract for Sodium Bicarbonate to Delimara Power Station – closing date 04.08.2011 (which was finally awarded to United Equipment Company Limited – UNEC after process entered a negotiated procedure ).
b. GN/DPS/4003/PC3/2011 – Negotiated Procedure for the supply and Delivery of sodium Bicarbonate to Delimara Power Station – Closing date 22 December 2011
c. GN/DPST/4003/PC3/2011 – Periods Contract for Sodium Bicarbonate to Delimara Power Station – Closing date 04.08.2011
d. GN/DPS?T?4003?PC3/2011 – Negotiated Procedure for the supply and Delivery of Sodium Bicarbonate to Delimara Power Station – Closing date 22 December 2011.

Tali talbiet ġew rifjutati mill-Enemalta u sussegwentement mil-Kummissarju appellant. l-appellanti jikkontendi fl-appell tiegħu li l-artikolu 32 tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu ibbażat d-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju appellant għandha tiġi interpretata ristrettivament u li għandu jiġi pruvat li verament d-dokument rikjest huwa dokument 'exempt' skond l-istess artiklu u li jekk tali dokument jinkludi 'trade secrets' dan id-dokument għandu jkun għad-dispożizzjoni ta' dan it-Tribunal biex jivverifika jekk tassew dan hu l-każ. Li tali l-Public Procurement regulations ma għandhomx jintużaw sabiex joħonqu l-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar it-talba għall-accounts ta' UNEC, l-appellanti jissottometti li huwa ma talabx l-audited accounts tal-kumpanija iżda talab jekk UNEC preżentat l-financial statements mat-tender u jekk dawn kienux audited jew f'forma ta' management accounts.
Dwar it-talbiet tiegħu msemmija f'punt 2.3 tal-appell tiegħu, jidher li din ġiet sorvolata stante li d-dipartiment tal-Kuntratti qed jieħu passi dwar u li kieku dawn ġew provduti mil-Enemalta l-ħaġa kienet tieqaf hawn rigward dawn id-dokumenti.

Re 2.4 cioe Details of negotiations between the Contracting authority and winning bidder, l-appellanti jikkontendi li hemm kontradizzjoni fl-ittra tal-Enemalta tat-12 ta' Lulju 2013 fejn jingħad li:

*..in effect no negotiations were conducted and the signed contract faithfully reflects the tender conditions and specifications as issued. On this issue, it is to be noted that changes were indeed implemented but these occurred after tender award and were due*

*to circumstances prevailing in the operating scenario. Such changes were in fact agreed to by Enemalta...*

U dik kif sottomessa fit-23 ta' Awissu 2013 mill-Enemalta meta sqarret li:
*..kindly note that the changes were made to the method of delivery of the product. These changes have been incorporated in the specification of the second tender GN/DPS/T/4006/PCi/2012...*

L-appellant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kummissarju li ma kien hemm kontradizzjoni għalkemm jaqbel li tali tibdil sar wara li ħarġet sejħa oħra għat-tenders iżda dan ma jeskludix l-fatt li tali tibdil ġie operattiv qabel ma ħarġet sejħa għat-tenders u dan b'referenza għat-tender GN/DPS/T/4003PC3/2011 - Negotiated Procedure for the supply and Delivery of Sodium Bicarbonate to Delimara Power Station – Closing date 22 December 2011 rigward it-talba numru 2.5 cioe Request for Technical Information Grids and/or other documents accompanying the Evaluation reports l-appellanti ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kummissarju stante li huwa qed jitlob d-dokumenti annessi mar-rapport tal-Evaluation Commission bħat-techincal evaluation grip stante li dawn jagħmlu parti integrali mil-Evaluation report u l-Enemalta provdietlu biss bir-rapport tal-Evaluation Committee mingħand r-rapporti annessi .

Ra r-risposta tal-Kummissarju appellant li permezz tagħha huwa talab li d-deċiżjoni tiegħu tiġi konfermata u dan għas-segmenti raġunijiet:

1. li l-artiklu 32 tal-Kap 496 tal-Liġijiet ta' Malta mhux l-eċċezzjoni għar-regola u ma għandu jiġi interpretat ristrettivament.
2. Li huwa bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-artikoli 5(3)(b), 31(2) u 32(1) tal-Att liema provvedimenti tal-liġi jiġġustifikaw d-deċiżjoni tal-Enemalta li tirrifjuta li tagħti tali informazzjoni dwar 'the name of the supplier or the method of delivery' u li huwa b'ebda mod fid-deċiżjoni tiegħu ma qal dan.
3. Li huwa qatt ma tenna li dokumenti kunfidenzjali huma eżenti mill-artikolu 32 iżda li huma regolati bil-liġi sussidjarja 174.04 u għalhekk eżenti bl-artikolu 5(3)(b) tal-Att.
4. Li mhux minnu li l-Kummissarju qed jinterpreta l-Kap 496 inkorrettement stante li l-artiklu 5(3)(b) tal-Att jispeċifika li l-att ma japplikax għal dokumenti li għandhom "information the disclosure of which is probibited by any other law." F'dan il-każ l-artiklu 4(4) tal-Public Procurement Regulations jipprojbixxu li l-awtoritajiet li jkunu qed jikkontrattaw billi jagħtu informazzjoni kunfidenzjali li jkunu ġew provduti minn min applika għat-tender meta "such information includes in particular, technical or trade secrets and the confidential aspects of tenders."
5. Rigward it-talba sabiex jiġu provduti l-financial statements l-Kummissarju jikkontendi li din kienet rekwiżit fis-sejħa tat-Tenders u kieku ma ġewx sottomessi l-Evaluation Committee ma kienx jaċċetta t-tender

6. Li l-Kummissarju mexa skond l-liġi meta ai termini tal-artikolu 8 tal-Att Enemalta bagħtet partijiet mill-informazzjoni mitlub lid-Dipartiment tal-Kuntratti bħala l-awtorità pubblika li żżomm tali informazzjoni .

7. Li l-Kummissarju ma sab ebda kontradizzjoni dwar id-dettalji ta' x'ġie negozjat bejn l-Contracting authority u min rebaħ t-tender;

8. Li dwar it-talba tal-appellanti biex ikollu aċċess għal żewġ evaluation reports ai termini tal-artikolu 13 tal-Att, l-awtorità pubblika provdiet l-appellant b'estratt mil-Evaluation Report fuq it-tieni tender stante li "the first tender has been cancelled by the Contracts Department due to an administrative non-compliance issue." U li għalhekk l-appellant għandu jagħmel talba ġdida stante li t-talba li qed jagħmel għal 'technical evaluation grids' hija talba differenti minn dak li huwa oriġinarjament talab.

Ra r-risposta tal-Enemalta plc qabel magħrufa bħala Korporazzjoni Enemalta li fiħ tista' tgħid li irrepetew l-argumenti tal-Kummissarju.

Ra d-deċiżjoni tal-Kummissarju tad-29 ta' Jannar 2014

Ra x-xhieda ta' Mantoine D'Ambrogio tal-15 ta' Diċembru 2016.

Ra l-affidavit ta' Roberto Ragonesi li permezz tiegħu stqarr li huwa shareholder u sole director tal-kumpanija Ragonesi & Company Limited li jilmenta li meta l-bidder jitlef tender ma jagħtux r-raġunijiet u li meta jinbidlu l-parametri tal-kuntratt wara li jkun hemm proċedura tat-tendering ma tingħatax informazzjoni sabiex dak il-bidders potenzjali jkunu jistgħu jiddeterminaw jekk dawk it-tibdiliet humiex materjali jew le. Huwa jilmenta li mal-kumpanija tiegħu jimxi b'mod differenti u semma każ fejn il-kumpanija jew kellha l-offerta tagħha rifjutata jew inkella għażlet li ma tibbidjax għax min ħareġ it-tender informaħa li l-accounts iridu jkunu audited u hija ma setgħetx tipprovdi dan. Iżda skond għandha raġunijiet biex temmen li min rebaħ it-tender ma ssodisfax l-kriterji kollha tat-tender u li fl-aħħar żewġ sejħiet għat-tender l-kuntratt ingħatat wara proċedura ta' negozjar mat-tenderer li ingħata it-tender milli wara proċedura trasparenti. Huwa jkompli billi jirrepeti dak li ssottometta fl-appell tiegħu għaliex ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kummissarju.

Ra l-kontro-eżami li sar lill-istess appellant fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2017 li permezz tiegħu ġie muri l-audited financial statements tal-aħħar tlett snin preżentati mil-UNEC fir-Reġistru tal-Kumpanija, u li kkonferma li Ragonesi & Company hija involute f'F & R Ventures li rebħet il-kuntratt tat-tender li ħareġ fis-sena 2013 bl-isem Framework contract for the supply and delivery of the same product that is sodium bicarbonate to delimara power station għal prezz ta' 2.9 miljun ewro.

Ra l-verbal tal-istess seduta tal-14 ta' Settembru 2017 li permezz tiegħu l-partijiet għalqu l-provi u talbu li jagħmlu sottomissjonijiet.
Ra s-sottomissjonijiet preżentati mil-partijiet.
Ikkunsidra

Freedom of Information Act Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta

Bħala prinċipju kull ċittadin fl-Unjoni Ewropeja għandu aċċess għad-dokumenti. Dan jinstab fl-artiklu 15(1) qabel 255 EC Treaty on u fl-artiklu 16 qabel l-artiklu 286EC tat-Trattat magħruf bħala Treaty on the functioning of the European Union. L-istess prinċipju insibu fl-artiklu 42 tal-EU Charter of fundamental Rights . Però hemm deroga għal dan il-prinċipju u dawn l-eċċezzjonijiet dejjem ġew interpretati li jridu jiġu interpretati " narrowly and applied strictly". *Vide **Case C-506-08 P Sweden v Commission** 21 July (2011) ECR I-nyr at paras 75-6:*
*"para 76. Thus if the institution concerned decides to refuse access to a document which it has been asked to disclose, it must, in principle, explain how disclosure of that document could specifically and effectively undermine the interest protected by the exception – among those provided for in Article 4 of Regulation No 1049/2001 – upon which it is relying."*

Dan it-Tribunal jagħmel referenza għall-Artiklu 4(1) (a) dwar meta tali informazzjoni hija prekluża meta hemm " *where disclosure would undermine the protection of the public interest as regards, public security, defence and military matters, international relations and /or the financial, monetary or economic policy of the EU or of a Member State. (see **Joined Cases T-3/00 & T-337/04 Pitsiorlas v Council** (2007) ECR II-4779.)*

B'referenza għall-artiklu 4(2) jingħad li: *unless there is an overriding public interest in disclosure, the EU institutions are also required to refuse access to a document where its disclosure would undermine the protection of commercial interest of a natural or legal person including intellectual property and court proceedings and legal advice and the purpose of inspections, investigations and audits.*

In ***Joined Cases T-355/04 & T-446-04 Co-Frutta** the General Court noted at para 133 in* relation to this exception:
*'The aim behind the application for access to the documents (in this case) is that of verifying the existence of fraudulent practices on the part of the applicant's competitors. The applicant thus pursues, amongst other objective, the protection of its commercial interests. However, it is not possible to categorise the applicant's commercial interests as being an "overriding public interest" which prevails over the protection of the commercial interests of traditional operations, the objective underlying the refusal of access to a part of the documents requested. In addition, the pursuit of the public interest in identifying cases of fraud in order to ensure the smooth operation of the banana market is not a matter for the operators but for the competent Community and national public authorities where appropriate following an application made by an operator. '*

Ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea li daħlu fis-seħħ fis-sena 2001 dwar il-libertà għall-informazzjoni huwa Regulation (EC) 1049/2001 and Regulation (EC) 45/2001 dwar protezzjoni tad-data. L-ewwel regolamentazzjoni tiggarantixxi: "*widest possible access to document*" mentri l-protezzjoni tad-data tiġbed fid-direzzjoni opposta stante li tassigura protezzjoni tal-privatezza tal-individwi li d-data personali tagħha hija proċessata mill-Unjoni Ewropeja jew mill-istituzzjonijiet jew korpi tal-istati membri. Vide ***Joined Cases C-39/05 P & C-52/05 P Sweden and Turco v Council*** (2008) ECR I-4723 para 49; and ***Case C-139/07 P Commission v Technische Glaswerke Ilmenau*** 29 June (2010) ECR 1-nyr.para 53, fejn gie ritenut li "*if a body subject to the provisions of the regulation (EC) no 1049/2001 decides to refuse access to a requested document it must in principle explain how disclosure of that document could specifically and effectively undermine the interest protested by the Article 4 exceptions.*"

L-Enemalta hija awtorità pubblika

F'dan il-każ ma hemm ebda kwistjoni li l-Enemalta ma hix awtorità pubblika. L-artiklu 5(1)(f) tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta cioe l-Att dwar l-Libertà tal-Informazzjoni jgħid li l-Att ma għandu japplika *għal dokumenti li huma miżmumin minn soċjetà kummerċjali li fiha l-Gvern jew xi awtorità pubblika oħra għandhom interess li jagħtihom kontroll, safejn id-dokumenti inkwistjoni għandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet kummerċjali tas-soċjetà kummerċjali.* U l-artikolu 5(2) jistabbilixxi li "Dan l-Att għandu *japplika għal dokumenti li jirreferi għalihom is-subartikolu (1) safejn biss jista' jkun dispost minn xi liġi li tirregola l-aċċess għal dawn id-dokumenti.*"

3. .Public Procurement

It-talbiet li għamel l-appellanti jirrigwardaw kollha sejħiet għal tenders.
Bħala prinċipju żewġ klawżoli f'kull tender iridu jiġu inklużi sabiex ikunu konformi mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja liema klawżoli jirrigwardaw l-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Informazzjoni. **(vide General Rules Governing Tenders vl.14 published by Department of Contracts Malta, 04th January 2016)**. Dawn il-klawżoli jgħid is-segmenti:
*"Any personal data submitted in the framework of the procurement procedure and /or subsequently included in the contract shall be processed pursuant to the Data Protection Act (2001). It shall be processed solely for the purposes of the performance, management and follow-up of the procurement procedure and/or subsequent contract by the Contracting Authority/contracting Authority without prejudice to possible transmission to the bodies charged with a monitoring of inspection task in conformity with National and/or Community Law.*

*The provisions of this contract are without prejudice of the Contracting Authority in terms of the Freedom of Information Act (Cap. 496 of the Laws of Malta). The Contracting Authority, prior to disclosure of any information to a third party in relations to any provisions of this contract which have not yet been made public, shall consult the*

*contractor in accordance with the provisions of the said Act, pertinent subsidiary legislation and the Code of Practice issued pursuant to the Act. Such consultation shall in no way prejudice the obligations of the Contracting Authority in terms of the Act."*

Eċċezzjonijiet għall-għoti ta' informazzjoni dwar tenders u kuntratti pubbliċi

L-att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni jistabbilixxi numru ta' eżenzjonijiet għal prinċipju tal-aċċess ta' informazzjoni minn awtoritajiet pubbliċi. Dawn l-eżenzjonijiet japplikaw kemm għal informazzjoni dwar it-tender u għal kuntratti u huma:

l-Informazzjoni tiżvela sigrieti kummerċjali (art. 32(1) Kap 496;

L-iżvelar tal-informazzjoni jolqot ħażin jew raġonevolment ikun mistenni li jolqot ħażin b'mod mhux raġonevoli lil dik il-persuna fir-rigward tan-negozju jew affarijiet professjonali leġittimi tagħha jew lil dik l-organizzazzjoni jew intrapriża... (art 32 (1)©(i) Kap 496

Id-data personali hija suġġetta għall-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap 440) (art 5 (3)(a) Kap 496).

L-informazzjoni li l-iżvelar tagħha hu projbit minn xi liġi oħra (Art 5(3)b) Kap 496.

X'jikkostitwixxi 'Trade Secret'

Fatturi li għandhom jiġu kunsidrati meta wieħed jifli jekk l-informazzjoni mitluba jammontaw għal trade secret jinkludu: *the extent to which the information is known outside of the plaintiff's business; the extent to it is known by employees and other involved in his business; the extent of measures taken by him to guard the secrecy of the information; the value of the information to him and to his contemporaries; the amount of effort or money expended by him in developing the information; the ease of difficulty with which the information could be properly acquired or duplicated by others.* (vide ***Ansell Rubber C Pty Ltd v Allied Rubber Industries Pty Ltd 91967***) V.R. 373.

Għalhekk dan it-Tribunal huwa f'dawn il-parametri li jrid jifli jekk dak li talab l-appellanti hux suġġett għar-regolamenti tal-Public Procurement tal-Unjoni Ewropeja u jekk le, jekk dawn 'relate to the commercial activities of the commercial partnership' and u safejn japplika l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni għar-rigward it-talba tiegħu.

F'dan il-każ l-appellanti jikkontendi li " li l-artikolu 32 tal-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu bbażat d-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju appellant għandha tiġi interpretata ristrettivament u li għandu jiġi pruvat li verament d-dokument rikjest huwa dokument 'exempt' skond l-istess artiklu u li jekk tali dokument jinkludi 'trade secrets' dan id-dokument għandu jkun għad-dispożizzjoni ta' dan it-Tribunal biex jivverifika jekk tassew dan hu l-każ. Li tali l-Public Procurement regulations ma għandhomx jintużaw sabiex joħonqu l-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta. "

Filwaqt li l-Kummissarju appellat jikkontendi "Li mhux minnu li l-Kummissarju qed jinterpreta l-Kap 496 inkorrettement stante li l-artiklu 5(3)(b) tal-Att jispeċifika li l-att ma japplikax għal dokumenti li għandhom "information the disclosure of which is

probibited by any other law." F'dan il-każ l-artiklu 4(4) tal-Public Procurement Regulations jipprojbixxu li l-awtoritajiet li jkunu qed jikkuntattjaw billi jagħtu informazzjoni kunfidenzjali li jkunu ġew provduti minn min applika għat-tender meta "such information includes in particular, technical or trade secrets and the confidential aspects of tenders."

It-Tribunal ser jgħaddi biex jikkunsidra kull talba li għamel l-appellanti:

<u>Request A</u>

*The name of the foreign manufacturing company/companies indicated by UNEC in its offer.*

*The product/s and /or product/s specifications/quality data sheets offered by the chosen bidder and the description of logistics to be used for delivery in terms of Clause 2.2.(p.52 of tender documents) and Clauses 16.1(b)(iii) ; Clause 16.1 d(ii) ; Clause 16.1 € (p 11 of tender documents)*

*The submitted "list of principal deliveries of sodium bicarbonate effected during the last 5 years as per Clause 16.1 (d)(i) (p.11 of tender documents).*

Il-Kummissarju ċaħad dawn it-tlett talbiet a bażi tal-artikolu 5(3) (b) tal-Att u r-regolament numru 31(2) tal-Public Procurement Regulations minħabba n-natura kunfidenzjali tagħhom u li tali informazzjoni tammonta għal trade secret.

Kif ġia ingħad il-prinċipju stabbilit fl-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni Kap 496 għandu numru ta' eċċezzjonijiet li jagħtu raġun lil Kummissarju jiċħad li tingħata ċertu informazzjoni fosthom l-artikolu 5(3)(b) tal-Att.

L-istess d-direttivi tal-Unjoni Ewropeja dwar il-Procurement: cioe – Directive 93/36 (1993) O.J.L199; Directive 93/37(1993) O.J.L199; Directive 93/98 (19930 o.j. l199; and Directive 92/50 (1992) O.J. L209 Kif dejjem gie ritenut: "The Directives contain two possible sources of obligations not to disclose public procurement information. The first is the provision relating to the withholding of sensitive information which is to be found in the measures regarding both debriefing and the publication of contract award notices. Here the Directives give the contracting authority the discretion to withhold such information.

The other possible source of a community obligation not to disclose is to be found in the confidentiality provisions of the Directives. Art 15.3 Directive 93/36; art 18.2. Directive 93/7, art 28.6 Directive 93/8 and Art 23.2 Directive 92/50 each contain a provision allowing Member States to authorise the submissions of tenders by means other than in writing so long as it is "possible to ensure ..that the confidentiality of tenders is maintained pending their evaluation." In addition, Directive 93/36 (but not the other

Directives) requires contracting authorities to "respectfully the confidential nature of any information furnished by the suppliers " (art 15.2).

Rigward l-artikolu 31( 1) (2) tal-Kap tal-Kap 496 li jistabbilixxi li: "*Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-att jagħti lok għal azzjoni minn persuna (minbarra awtorità pubblika) għal ksur ta' konfidenzjalita.*" U fid-dawl tal-artikolu 15.2 tad-Direttiva e 93/36 dan l-artiklu ma jippermettix żvelar ta' informazzjoni meta t-tender ikun għadu fl-istadju meta l-rabbieh ma ġiex għadu ppublikat salv dejjem li tali informazzjoni tiġi pruvata li hija kunfidenzjali..

F'dan il-każ l-informazzjoni mitlub hija dwar bidder li ingħata t-tender cioe UNEC. l-artikolu 2 tal-Kap 496 jiddefinizzi dokument bħala miżmuma minn awtorità pubblika u li fuqu hija reġistrazzjoni informazzjoni mogħtija u dokument eżentat bħala dokument li mhux suġġett għall-iżvelar skond it-Taqsima V u VI tal-Att.

Ir-Regolamenti dwar il-Public Procurement jew l-għoti tat-tenders ukoll jiffurmaw parti minn dan il-proċess stante li t-tender ingħata mid-Direttur tal-Kuntratti u dan it-Tribunal diġà għamel referenza fejn u sa fejn japplikaw dawn ir-regolamenti u l-Kap 496 u li minnhom huwa determinat l-fatt li informazzjoni li hija kunfidenzjali min-natura tagħha jew li tista' tippreġudika l-interess kummerċjali biss tista' ma tiġix rilaxxata. Iżda jingħad ukoll li meta t-tender jiġi mogħti min rebaħ it-tender jitlef il-kunfidenzjalita tal-informazzjoni mogħtija dwar l-prezz u t-tip ta' kwantità ta' oġġetti supliti suġġett għal xi eċċezzjonijiet iżda informazzjoni oħra tibqa kunfidenzjali.

It-talbiet 1, 2, 3 f'Request A tal-appellanti ma jirrigwardax la l-prezz u lanqas it-tip ta' kwantità ta' oġġetti supliti u għalhekk dan it-Tribunal jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju fir-rigward u jiċħad dan l-agravju.

Rigward t-talba numru 4 Request A, għal kopja tal-audted accounts ta' UNEC għal dawn l-aħħar tlett snin qabel ma għalaq it-tender u l-minimum credit facility submitted mal-offerta, wieħed irid jara kif saret it-talba mill-appellanti stante li fl-appell tiegħu l-appellanti jikkontendi f'paġna 6 tal-appell tiegħu li huwa mhux x'fihom l-audited accounts ried iżda jekk l-audited accounts ġewx sottomessi mal-bid u f'liema format jekk hux audited jew f'forma ta' management accounts.

Fit-talba tiegħu jirrizulta li l-appellanti talab l-audited accounts u l-minimum credit facility submitted with the offer biss u mhux kif qed jissottometti f'dan l-appell; minbarra li huwa setgħa dejjem appella meta ħareġ ir-riżultat tat-tender jekk kellu xi dubju li min rebaħ it-tender ma kienx in regola, issa f'dan l-istadju ma jistgħax jitlob oltre minn dak li talba fit-talba li għamel oriġinarjament lil Kummissarju. Li għalhekk it-tribunal jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissarju u jiċħad dan l-agravju għar- raġunijiet mogħtija għar-rigward l-accounts.

Dwar informazzjoni dwar minimum credit facility li saret fit-tender minn UNEC, dan it-Tribunal ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kummissarju kemm-il darba din il-minimum credit facility kienet kondizzjoni sine qua non għall-għoti tat-tender u għalhekk għandha tingħata lill-appellanti u t-Tribunal jilqa' dan l-agravju tal-appellanti u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju fir-rigward.

Rigward talbiet 5, 6 u 7 ta' Request A, jidher li din l-informazzjoni kienet tinstab għand id-Direttur tal-Kuntratti u qed tiġi provduta lilu kif jikkonferma l-istess appellant fl-appell tiegħu. Għalhekk it-Tribunal qed jastjeni milli jieħu konjizzjoni fir-rigward.

<u>Request B</u>

Re domanda 1 – The name of the foreign manufacturing company/companies indicated by UNEC in its offer. Dan it-Tribunal ma jqisx li din l-informazzjoni taqa' taħt trade secret jew hija ta' natura kunfidenzjali stante li l-kumpaniji ta' barra indikati jagħmlu parti minn UNEC li rebħet it-tender u ma hemm xejn kunfidenzjali fir-rigward. Li għalhekk din it-talba għandha tiġi milqugħa.

Re domanda 2 – the product/s and /or product/s specifications/quality data sheets offered by the chosen bidder and the description of logistics to be used for delivery in terms of Clause 2.2.(p 52 of tender documents) and Clauses 16.1 (b) (iii); Clause 16.1 (d) (ii); Clause 16.1.(e)(p.11 of tender documents).

F'dan ir-rigward dan it-Tribunal iqis li għar-rigward the product's and /or product/s specifications/quality date sheets offered by the chosen bidder ma hemm xejn li jipprekludi lil Enemalta milli tagħti tali informazzjoni u għalhekk l-appellanti għandu jingħata tali informazzjoni iżda mhux l-istess jista' jingħad għal the description of logistics to be used for delivery… stante li din tammonta għal informazzjoni kunfidenzjali.

Re domanda 3: the submitted "list of principal deliveries of sodium Bicarbonate effected during the last 5 years " as per Clause 16.1 (d)(i)(p 11 of tender documents).

Dan it-Tribunal għar-rigward din id-domanda jaqbel ma' dak sottomess mill-Kummissarju u l-Enemalta u għalhekk tagħli informazzjoni hija kunfidenzjali u tammonta għal trade secret u għalhekk ma għandhiex tingħata lill-appellanti.

Re domanda 4 – l-appellanti talab l-audited accounts tal-aħħar tlett snin ta' UNEC qabel d-data tal-għeluq tat-tender u dan it-Tribunal jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kummissarju li tali informazzjoni setgħa faċilment iġġibha mir-Reġistru tal-Kumpaniji iżda lanqas ma hemm xejn ħażin u irregolari li l-appellanti jingħata kopja tagħhom. Li għalhekk dan it-Tribunal

jordna li kopja ta' dawn l-audited accounts tal-aħħar tlett snin ta' UNEC qabel ma għalaq it-tender tingħata lill-appellanti.

Rigward l-minimum credit facility li ssottomettiet UNEC, dan it-Tribunal ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kummissarju li din hija trade secret jew informazzjoni kunfidenzjali stante li kif diġà ġie sottolineat ladarba dan it-tender intrebaħ minn UNEC tali informazzjoni saret pubblika aktar u aktar meta hija kondizzjoni għall-għoti tat-tender. Li għalhekk tali informazzjoni għandha tingħata lill-appellanti.

Rigward domandi 5 u 6- tali informazzjoni tista' tiġi provduta mid-direttur tal-Kuntratti iżda kif jirrimarka l-Kummissarju a fol 13 tar-risposta tiegħu, d-dipartiment baqa' ma għamel xejn fir-rigward fit-terminu impost lilu skond il-liġi. Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' l-appell tal-appellanti f'dan ir-rigward u jordna lid-Direttur tal-Kuntratti jagħti l-informazzjoni rikjesta fid-domandi 5 u 6 u fin-nuqqas il-Kummissarju għandu jieħu l-passi li tagħtih l-liġi kontra l-istess Direttur tal-Kuntratti.

<u>Request C</u>

F'din it-talba l-Appellanti qed jitlob l-Evaluation Report wara li l-Envelope numru 2 dwar technical submissions infetaħ u l-EMC rrakkomandat lid-Direttur tal-Kuntratt sabiex i-tender jiġi kanċellat u tinħareġ sejħa ġdida.

Il-Kummissarju jikkontendi li tali tender kien ġie kanċellat u għalhekk l-appellanti ma għandux jingħata kopja ta' dan ir-rapport.

Dan it-Tribunal , jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kummissarju u tal-Enemalta u tenut kont ukoll li kemm-il darba huwa kien wieħed milli tefa' l-offerta tiegħu cioe l-kumpanija tiegħu tali kumpanija dejjem setgħet tappella minn din id-deċiżjoni milli tefa l-offerta tiegħu milli tefa l-offerta tiegħu milli tefa l-offerta tiegħu ħaġa li mill-atti ma jirriżultax. Għaldaqstant dan l-agravju qed jiġi miċħud.

<u>Request D</u>

l-appellanti qed jitlob li jingħata kopja tal-evaluation report tal-EMC.
Il-Kummissarju u l-Enemalta jikkontendu li t-talba saret għal evaluation report u mhux ukoll għat-technical specifications. L-appellanti jikkonteni li l-evaluation report jekk jinkludi technical specifications huwa rapport wieħed u li f'dan l-istadju qed jiċċara li r-rapport għandu jinkludi technical specifications hija talba ġdida mhi talba ġdida xejn stante li l-annexes mal-evaluation report huma parti integrali tal-istess rapport.

Dan it-Tribunal jaqbel mal-appellanti li l-evaluation report jekk kien jinkludi annexes dawn jagħmlu parti integrali minnu u ma kellux għalfejn l-appellanti fit-talba tiegħu jispeċifika li jrid ir-rapport flimkien mal-annexes annessi miegħu. Iżda ma jaqbilx mal-appellanti meta jgħid li huwa għandu dritt għat-technical specifications sottomessi stante li dawn jammontaw għal informazzjoni kunfidenzjali u għal trade secret u eżenti kemm taħt l-Kap 496 u r-regolamenti dwar il-public procurement . Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' l-appell tal-appellanti f'dan ir-rigward u jordna li kopja tal-evaluation report magħmul mill-EMC mingħajr t-technical specifications tingħata lill-appellanti.

Dan it-Tribunal jagħmel referenza għal dak deċiż mill Information Tribunal tar-Renju Unit li ddeċieda kif ġej:
*"The Tribunal notes also that Information Tribunal of the UK has confirmed that information contained in a contract between a public authority and a third party represents the conclusion of negotiations between the two parties and as such is jointly created rather than being obtained by the public authority from the contractor and is not confidential information. Nevertheless depending on the circumstances of the case there can be elements of a contract or agreement for example technical information set out in a schedule as well as records of pre-contractual negotiations which the public authority has obtained from the third party and so may qualify as confidential information (vide Derry City Council v Information Commissioner (EA/2006/0014; 11 December 2006)."*

**<u>Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta u jiddeċiedi billi:</u>**

<u>Request A</u>

**It-talbiet 1, 2, 3 f'Request A tal-appellanti ma jirrigwardax la l-prezz u lanqas it-tip ta' kwantità ta' oġġetti supliti u għalhekk dan it-Tribunal jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju fir-rigward u jiċħad dan l-agravju.**

**Rigward t-talba numru 4 Request A, għal kopja tal-audted accounts ta' UNEC għal dawn l-aħħar tlett snin qabel ma għalaq it-tender, dawn l-kopji għandhom jingħataw lill-appella minkejja li dawn huma accessibli mir-Registru tal-Kumpanija.**
**l-istess dwar il-minimu credit facility din l-informazzjoni għandha tingħata lill-appellanti.**

**Rigward talbiet 5, 6 u 7 ta' Request A, jidher li din l-informazzjoni kienet tinstab għand id-Direttur tal-Kuntratti u għaldaqstant dan it-Tribunal qed tilqa l-appella tal-appellanti fir-rigward u jordna lil Enemalta tagħti l-informazzjoni mitluba anke jekk din tinstab skond hi għand id-Direttur tal-kuntratti u jordna lil**

**Kummissarju jieħu passi kontra l-istess direttur talli naqas li jobdi l-ordni mogħtija lilu minn l-istess Kummissarju terminu mogħti lilu .**

**Request B**

**Re domanda 1 – Din it-talba għandha tiġi milqugħa u l-informazzjoni għandha tinagħta lill-appellanti.**

**Re domanda 2 – the product/s and /or product/s specifications/quality data sheets offered by the chosen bidder and the description of logistics to be used for delivery in terms of Clause 2.2.(p 52 of tender documents) and Clauses 16.1 (b) (iii); Clause 16.1 (d) (ii); Clause 16.1.(e)(p.11 of tender documents).**

**F'dan ir-rigward dan it-Tribunal iqis li għar-rigward the product's and /or product/s specifications/quality date sheets offered by the chosen bidder ma hemm xejn li jipprekludi lil Enemalta milli tagħti tali informazzjoni u għalhekk l-appellanti għandu jingħata tali informazzjoni iżda mhux l-istess jista' jingħad għal the description of logistics to be used for delivery... stante li din tammonta għal informazzjoni kunfidenzjali.**

**Re domanda 3: the submitted "list of principal deliveries of sodium Bicarbonate effected during the last 5 years " as per Clause 16.1 (d)(i)(p 11 of tender documents) – tali talba għandha tiġi miċħuda.**

**Re domanda 4 – għal dawn l-aħħar tlett snin qabel ma għalaq it-tender, dawn l-kopji għandhom jingħataw lill-appellanti minkejja li dawn huma aċċessibbli mir-Reġistru tal-Kumpanija.**

**Rigward l-minimum credit facility li ssottomettiet UNEC, it-Tribunal jiddeċiedi li din l-informazzjoni għandha tingħata lill-appellanti għar-raġunijiet mogħtija fir-rigward.**
**Rigward domandi 5 u 6- tali informazzjoni tista' tiġi provduta mid-direttur tal-Kuntratti iżda kif jirrimarka l-Kummissarju a fol 13 tar-risposta tiegħu, d-dipartiment baqa' ma għamel xejn fir-rigward fit-terminu impost lilu skond il-liġi. Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' l-appell tal-appellanti f'dan ir-rigward u jordna lid-Direttur tal-Kuntratti jagħti l-informazzjoni rikjesta fid-domandi 5 u 6 u fin-nuqqas il-Kummissarju għandu jieħu l-passi li tagħtih l-liġi kontra l-istess Direttur tal-Kuntratti.**

**Jiċħad request C**

**Jilqa' request D iżda mingħajr informazzjoni dwar technical specifications**

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru